MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Appell Kriminali Numru. 252/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Neville John Psaila

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 t'Ottubru, 2001, ghall-habta ta' 2.45 p.m. fi Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, saq vettura numru GAO 519 :

1) B'manjiera perikoluza;
2) B'giri aktar milli jmissu;
3) B'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma vettura numru FBB 287 u nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Shirley Anne Vella skond kif iccertifikat Dr. Diane Tabone M.D;

4) Involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Pamela Galea skond kif iccertifika Dr. Ray Borg M.D;
5) Offizi nvolontarji fuq il-persuna ta’ Mandy Galea skond kif iccertifika Dr. P. Ellul M.D liema offizi kienu ta’ natura hafifa;
6) U aktar fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Oswald Galea, skond kif iccertifika Dr. A. Theuma M.D. ta’ S.L.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 t’Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 15 (1)(a) u (2), 18(2) Kap 65 u 226 (c) tal-Kap 9 ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ LM 500 u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 t’Ottubru, 2002, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tirriforma s-sentenza appellata, billi (a) thassarha w tirrevokha fil-parti fejn sabet il-htija u tillibera lill-appellant mill-akkuzi kontra tieghu u (b) f’kaz ta’ htija, li s-sentenza in kwistjoni tigi riformata w tigi inflitta piena anqas harxa.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe’ li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi w dana peress li mill-provi prodotti rrizulta li fil-fatt l-incident ma sehhx tort tal-appellant izda minnhabba fatturi ohra li ma kellux kontroll fuqhom. Kienet waqfet vettura hesrem quddiemu , habta w sabta b’mod u manjiera li l-appellant li kien ferm vicin tal-vettura li waqfet , ma seta’ jaghmel xejn ghajr li japplika l-brakes , imma minhabba li hemm ghan-nizla ma waqafx. Fit-tieni lok il-piena inflitta kienet harxa w oneruza zzejjed .

Semghet ix-xiehda mill-gdid fil-kors tas-seduta tas-16 ta’ Jannar, 2003;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur;

Ezaminat l-atti kollha processwali ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghal-lum ghas-sentenza ;

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza li bih qablu li l-feriti riportati mill-persuni msemmija fic-citazzjoni huma ta' natura hafifa kif indikat fic-citazzjoni

Ikkunsidrat ;

Illi dan l-incident awtomobilistiku li gara fit-18 t' Ottubru, 2001 ghall-habta tas-2.45 p.m. fi Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, Malta , ssuccieda wara li l-vettura numru GAO-519 misjuqa mill-appellant, li kienet gejja mid-direzzjoni tal-Imgarr, lejn il-Mosta, spiccat marret kompletament "wrong side" u dahlet go vettura ohra li kienet tiela mid-direzzjoni opposta w li kienet ghadha kif imbokkat it-triq tal-Imgarr, fejn ir-roundabout li hemm fil-lokalita' . Illi kif jidher mill-sketch esebit a fol. 4 tal-process, wara l-vettura tal-appellant instabu brake marks parallelli w kontinwi twal 26 metru . Skond P. S. 1133 Joe Borg il-hsarat fiz-zewg vetturi kienu estensivi.

Shirley Anne Vella , d-driver tal-vettura l-ohra , xehdet li "f'daqqa wahda tigi Hyundai Accent sewda b'velocita' qawwija "head on" fuqi . Igifieri kien vera qed isuq bl-addocc. ...Kien bi speed ..Kien ghadu gej bl-ispeed . ...L-art kienet xotta . It-temp kien sabieh ." Pamela Galea , passiggiera fl-istess karozza ukoll xehdet li l-appellant gie fuqhom b'velocita' qawwija . Qabel ma ratx xi karozza tieqaf .

L-appellant xehed li kif kien niezel f'daqqa wahda waqfitlu karozza quddiemu . Ma tax kaz x'ghamla kienet . Kellha kulur jaghtiu fil-blu . Mistoqsi kemm kien isuq lura minn dil-karozza, wiegeb tul ta' karozza Dak il-hin kien isuq b' xi 50 kfs. Zamm il-brake u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq biex ma jolqotx il-car ta' quddiemu . Umbaghad qal li gibtitu l-karozza . Hekk kien qal lil Pulizija. Il-karozza l-ohra baqghet miexja.

Illi ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova indizjarja jew “circumstantial evidence” jew tohloq “presumption of fact” ta’ sewqan hazin , ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll . Kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza “Il-Pulizija vs. James Abela” [11.7.2002]

“...f’materja ta’ incidenti stradali , il-provi indizjarji hafna drabi jista’ jkunu siewja ferm u xi

drabi jistghu ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari , li kulltant jistghu ikunu biss soggettivi w kulltant , x’aktarx iva milli le , jkunu kuluriti b’dak li jissejjah “esprit de voiture”. Umbaghad fejn ma jkunx hemm xiehda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara , dawn il-provi indizjarji , jistghu facilment u minghajr bzonn ta’ hafna tigbid , jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident . S’intendi bhal kull prova ndiretta ohra , jridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzzjoni univoka w li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta’ kriminali tal-imputat jew akkuzat”

Kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. A.I.C. Mortimer“ (KOLLEZ Vol. XL. IV. p. 1282) :-

“Speed jista’ jigi dedott minn brake marks.”

u “Speed jista’ jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jiskorri dak dettat

mill-fatturi ambjentali tal-mument.” (App. Krim. Pul. vs. R. Bugeja (30.6.1992)

Issa fil-kaz in ezami , l-appellant kien gej isuq ghan-nizla , fejn hemm kurva gentili lejn ix-xellug tieghu w f’post fejn kien qed javvicina “roundabout” pjuttost traffikuza li tircevi traffiku miz-zoni mportanti tar- Rabat u ta’ nofsinhar tal-Gzira , min-naha tan-Nord gej minn-naha ta’ San Guzepp tat-Targa, min-naha tal-Mosta w minn-naha tal-Mgarr, fejn it-traffiku hu pjuttost wiehed regolari w kostanti , ghalkemm iz-zona hija wahda rurali.

Illi anki jekk hu minnu dak li xehed l-appellant li karozza quddiemu waqfitlu hesrem , dan wahdu ma kellux

jispjega il-mod kif hu tilef il-kontroll tal-vettura tieghu . Jidher car “ex admissis” li hu kien qed isuq vicin wisq il-vettura ta’ quddiemu  ghax fil-waqt li stqarr li kien ghaddej b’ xi 50 kfs. , kien qed izomm biss tul ta’ karozza wara din il-vettura ta’ quddiemu , li hu ovvju li hija distanza wisq vicin u  li kienet timpedieh milli jieqaf tempestivament f’ kaz li din il-car ta’ quddiemu tirrallenta jew tieqaf.

Illi l-paragrafu 56 tal-Malta Highway Code  proprju jirrakkomanda :-

“Do not drive too close to the vehicle in front of you . Allow a distance sufficient to enable you to pull up in an emergency . Be specially careful .....on a steep hill.”

Illi fil-kaz in ezami , l-appellant kien qed jersaq lejn roundabout , fejn kien suppost jaf li traffiku jrid bil-fors jirrallenta  jekk addirittura ma jispiccax irid jieqaf ghal kollox u allura , anki jekk hu veru li l-karozza ta’ quddiemu kienet waqfitlu hesrem , dan ma kellux ikun  ta’ sorpiza ghalih . Kien imissu haseb ghal din l-eventwaliita’ billi hu stess jibda’ jnaqqas  ukoll sew minn qabel u mhux isuq hekk vicin il-vettura li jghid li kellu quddiemu  meta kien ghan-nizla u kien niezel b‘certa qawwa kif jirrizulta mill-brake marks u l-effett tal-impatt mall-car l-ohra .

Illi NORMAN SULLIVAN  fil-monografija tieghu : “The Advanced Driver” (1965 edit. p.88) jghid :-

“Nearly every time a motorist has to step  on the brakes suddenly , the reason can be traced to a deficiency in his planning . A good driver rarely , if ever , has to stop the car as in an emergency, as the emergency would probably have been created by his own negligence .”

Illi  proprju hekk jidher li gara  f’dan il-kaz. Anki jekk wiehed jaccetta l-versjoni tal-appellant li l-vettura li kien qed isegwi waqfitlu , jibqa’ fatt li hu ghall-ispeed ex admissis  accettat minnu  kien qed isuq wisq vicin il-vettura ta’ quddiemu  . Ghalhekk hu kien kostretrt li jsammmar il-brakes, bil-konsegwnza li ,kif jigri ta’ spiss , il-karozza bil-brakes illokkjati tibqa’ hierga “at a tangent” fejn

ikun hemm xi daqxejn kurva fit-triq kif hemm f'dan il-kaz . Dana kollu gie mil-fatt li hu kien imprudenti meta kien isuq hekk vicin il-vettura ta' quddiemu u meta kien jaf li la darba kienu qed jersqu lejn roundablout , kien ser jasal mument meta l-vettura ta' quddiemu bil-fors trid tirrallenta jew addirittura tieqaf .

Illi anki jekk ix-xufier injot ta' dil-car l-ohra kien b' xi mod negligenti meta waqaf kif jghid li waqaf l-appellant, dan ma jiskuzax lill-appellant fin-nuqqasijiet tieghu precedenti w konkomitanti , ghax kif gie ritenut mill-Qrati taghna fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Vassallo" [Kollez. Vol. XXXVIII iv. p. 883]

"Il-"contributory negligence " ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas- sinistru."

Illi umbaghad fil-fehma ta' din il-Qorti , il-fatt li vettura tant tohrog mill-kontroll tal-konducent li tispicca kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u tahbat ma "on coming car" hu l-epitome tas-sewqan hazin u zgur li jinkwadra ruhu fil-kontest ta' sewqan perikoluz , li bih gie akkuzat u nstab hati tieghu l-appellant.

Ghalhekk dwar il-mertu w l-htija riskontrata mill-Ewwel Qorti l-appell jidher infondat .

Illi pero' dwar il-piena , din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi , sospensjoni tal-licenzji tal-appellant ghal zmien sena hija wahda eccessiva w ghalhekk qed tirriduci din is-sospensjoni ghall-wahda ta' tlitt xhur , konformement mat-tul ta' sospensjoni li normalment tinghata mill-Qrati f'kazijiet ta' sewqan perikoluz fejn - bhal dan il-kax - ma jkunux gew kawzati feriti ta' natura gravi fuq terzi persuni .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha in kwantu skwalifikat lill-appellant mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien sena w minnflok tordna li l-appellant jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien tlitt xhur li jibdew minn-nofs il-lejl tal-lum , u tikkonfermha ghall-kumplament fir-rigward tas-

sejbien ta’ htija  w tal-kundanna ghall-multa ta’ hames mitt lira Maltin (LM500).

---------------------------------TMIEM---------------------------------